**L-istorbju tas-skiet**

Ħasdittni l-frażi
X’ħin rajtha m’emminthiex,
Kif jista’ l-istorbju
Iħarbat lis-skiet? Biex?
Mhuwiex dan ġenn il-moħħ
Li jgħaqqad frażijiet?
Biex joħroġ b’xi waħda
Minn dawn l-ereżijiet?

Imma meta ntasabt
Waħdi fl-imqaddes kwiet,
Dlonk ruħ il-Qdusija
Urieni l’hemm l-inkwiet.
U meta xtarrejtha
l-biċċa farrġittni,
neħħietli kull kedda
li l-biża’ nisslietli.

Għax kif nista’ inkun
Fil-paċi ta’ Kristu,
Jekk qalbi u moħħi
Flok ibierku, jisħtu.
X’hena ngħid li għandi
Bl-istonku imtertaq,
Qalbi għadha lsiera
Tal-korla li isserdaq.

Għiduli x’se nagħmel
Tlift il-boxla, kull kont,
Inħossni imgerbeb
Minn ċajt ġejt tond.
U fl-eqqel taqbida
Ħarġet it-tbissima,
Li l-qalbi wisq ferrħet
Imliethа bil-qima.

Lejn Missierna ħanin
Li għannaqni miegħu,
U qalli f’widnejja
Li jien tassew tiegħu.
U hemm niftakarni
Li nieħu nifs qawwi,
U rqadt raqda kbira
Qomt ħieles bħall-gawwi.

Tibżax meta sieket
U jitilgħulek kliem,

Li minflok ifarrġuk
Iġagħluk tħossok irmied.
Proprju hawn ibd'itlob
Tagħtix każ id-dwejjaq,
Sejjaħlu: "Missieri"
Qalbu lilek tfejjaq.

U tara kif terġa'
F'qalbek taqa' l-kalma,
Li l-għadu ta' ruħek
B'saħħtu ried iżarma.
Hekk terġa' titbissem
Waqt li terġa' tkun kwiet,
Addijo kull ħażen
Tal-istorjbu tas-skiet.

Patri Mario Attard OFM Cap
24 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.